



Dokument ta' sessjoni

A9-0320/2021

11.11.2021

RAPPORT

dwar l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni biex jiġu evitati l-korruzzjoni, l-infiq irregolari u l-użu ħażin tal-fondi tal-UE u nazzjonali f'każ ta' fondi ta' emerġenza u oqsma ta' nfiq relatati mal-kriżi (2020/2222(INI))

Komitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Michèle Rivasi

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	4
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	18
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	25
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	26

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni biex jiġu evitati l-korruzzjoni, l-infiq irregolari u l-użu ħażin tal-fondi tal-UE u nazzjonali f'każ ta' fondi ta' emerġenza u oqsma ta' nfiq relatati mal-kriżi (2020/2222(INI))

Il-Parlament Ewropew,,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 310, 317 u 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni¹,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-rwol tal-informaturi fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE³,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (id-Direttiva PIF)⁴,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE⁵,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012⁶,
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-2019 tal-OLAF⁷ u r-Rapport ta' Attività Annwali tal-

¹ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1.

² ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

³ ĠU C 252, 18.7.2018, p. 56.

⁴ ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29.

⁵ ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43.

⁶ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁷ OLAF, "Twentieth report of the European Anti-Fraud Office, 1 January to 31 December 2019" (L-Għoxrin Rapport tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2019), 2020.

2019 tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF,

- wara li kkunsidra r-rapport speċjali Nru 01/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE: jeħtieġ li tittieħed azzjoni",
- wara li kkunsidra r-rapport speċjali Nru 06/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni tal-UE: jeħtieġ li l-awtoritajiet manigġerjali jsaħħu l-identifikazzjoni, ir-rispons u l-koordinazzjoni",
- wara li kkunsidra r-rapport analitiku Nru 06/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Riskji, sfidi u opportunitajiet fir-rispons tal-politika ekonomika tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19",
- wara li kkunsidra l-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO), u l-21 rapport ta' attività ġenerali tiegħu (2020),
- wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Public Integrity for an Effective COVID-19 Response and Recovery" (L-Integrità Pubblika għal Reazzjoni u Rkupru Effettivi mill-COVID-19), ippubblikat mill-OECD f'April 2020,
- wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Corruption in the times of Pandemia" (Il-korruzzjoni fi żminijiet ta' pandemija), ippubblikat f'Mejju 2020⁸,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-3 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Il-31 Rapport Annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Il-ġlieda kontra l-frodi – 2019" (COM(2020)0363) u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjawh⁹,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tnejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU)¹⁰,
- wara li kkunsidra l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017¹²,

⁸ Gallego, J., Prem, M. u Vargas, J.F., "Corruption in the times of Pandemia" (Il-korruzzjoni fi żminijiet ta' pandemija), Mejju 2020.

⁹ SWD(2020)0156, SWD(2020)0157, SWD(2020)0158, SWD(2020)0159 u SWD(2020)0160.

¹⁰ ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30.

¹¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

¹² ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30.

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm tal-Unjoni Kontra l-Frodi u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 250/2014¹³,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u l-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 4/2020 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-proposta 2020/0101 (COD) għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali eċċezzjonali u arranġamenti implimentattivi taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU), u dwar il-proposta emendata 2018/0196 (COD) għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi¹⁴,
- wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa tal-Europol tal-5 ta' Ġunju 2020, bit-titolu "Europol launches the European Financial and Economic Crime Centre" (Il-Europol tvara ċ-Ċentru Ewropew għall-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika)¹⁵,
- wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa tal-Europol tat-12 ta' April 2021, bit-titolu "Serious and organised crime in the EU: A corrupting influence" (Il-kriminalità serja u organizzata fl-UE: Influwenza li tikkorrompi)¹⁶,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u l-istat tad-dritt f'Malta¹⁷,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2021 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE – ġlieda kontra l-frodi – rapport annwali 2019¹⁸,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar il-valutazzjoni li qed issir mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza¹⁹,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

¹³ Testi adottati, P9_TA(2021)0149.

¹⁴ ĠU C 272, 17.8.2020, p. 1.

¹⁵ <https://www.europol.europa.eu/newsroom/news/europol-launches-european-financial-and-economic-crime-centre>

¹⁶ <https://www.europol.europa.eu/newsroom/news/serious-and-organised-crime-in-eu-corrupting-influence>

¹⁷ Testi adottati, P9_TA(2021)0148.

¹⁸ Testi adottati, P9_TA(2021)0337.

¹⁹ Testi adottati, P9_TA(2021)0288.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0320/2021),
- A. billi l-kriminalità finanzjarja u ekonomika tirreferi għall-atti illegali mwettqa minn individwu jew grupp ta' individwi biex jiksbu gwadann ekonomiku jew professjonali u tinkludi, fost l-oħrajn, il-korruzzjoni, il-frodi, il-koerċizzjoni, il-kollużjoni, l-ostakolar, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;
 - B. billi l-kriżi tas-saħħa pubblika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, flimkien mal-emerġenza ekonomika u t-taqlib soċjali sussegwenti, ġiegħlet lill-UE u lill-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri jipprevedu jew jinvolvu ruħhom fil-ġestjoni ta' finanzjament addizzjonali u jżidu b'mod sostanzjali u malajr l-infiq;
 - C. billi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b'pakkett ta' aktar minn EUR 670 biljun, u REACT-EU, b'pakkett ta' aktar minn EUR 50 biljun, huma għodod b'saħħithom biex jgħinu lill-pajjiżi tal-UE jirkupraw; billi, sa mir-rebbiegħa tal-2020, il-politika ta' koeżjoni pprovdiet assistenza ta' rispons ta' emerġenza għall-valur ta' EUR 11,2-il biljun f'appoġġ għan-negozji, EUR 7,6 biljun f'riallokazzjonijiet tal-UE għall-azzjonijiet tas-saħħa u EUR 4,1 biljun f'appoġġ dirett għall-ħaddiema;
 - D. billi fit-2 ta' April 2020, bħala parti mir-rispons tal-UE għat-tifqigħa tal-COVID-19, il-Kummissjoni pproponiet li tattiva l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI);
 - E. billi d-deċiżjoni dwar l-attivazzjoni tiegħu ttieħdet mill-Kunsill waħdu, mingħajr l-involviment tal-Parlament f'konformità mad-dispożizzjonijiet għall-attivazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2016/369 (ir-"Regolament dwar l-ESI")²⁰;
 - F. billi n-Next Generation EU huwa strument temporanju ta' rkupru ta' xi EUR 800 biljun bi prezzijiet attwali, stabbilit biex jappoġġja l-irkupru tal-UE mill-pandemija tal-coronavirus u jgħin biex tinbena Ewropa aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar reżiljenti;
 - G. billi minħabba n-natura urġenti tal-kriżi, il-proċeduri ta' akkwist u l-mezzi ta' kontroll saru aktar flessibbli f'ħafna postijiet sabiex titħaffef l-implimentazzjoni;
 - H. billi l-pjanijiet ta' reazzjoni ma jikkunsidrawx biżżejjed il-governanza u l-problema tal-attivitajiet illegali bħall-korruzzjoni u l-frodi, u miżuri biex jiġu evitati l-irregolaritajiet mhux frodulenti;
 - I. billi l-kriżi toħloq opportunitajiet għal bosta każijiet ta' ksur tal-integrità u tista' tintensifika l-frodi u l-korruzzjoni, kif ukoll irregolaritajiet mhux frodulenti b'mod partikolari fl-akkwist pubbliku, fil-pakketti ta' stimolu ekonomiku u fl-organizzazzjonijiet pubbliċi;
 - J. billi, skont il-Qorti tal-Awdituri, il-prevenzjoni tal-frodi ma nġhatatx biżżejjed attenzjoni u l-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni komprensiva dwar l-iskala, in-natura u l-kawżi tal-frodi; billi l-istatistika uffiċjali dwar il-frodi misjuba mhijiex kompluta u sa issa l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda valutazzjoni ta' frodi mhux

²⁰ ĠU L 70, 16.3.2016, p. 1-6.

misjuba²¹;

- K. billi l-korruzzjoni hija theddida mill-akbar fl-isfera privata u f'dik pubblika u għandha impatt sproporzjonat fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli, peress li tikkawża telf ta' riżorsi li jhedded it-tkabbir fit-tul, il-protezzjoni soċjali u l-aċċess ekwu għas-servizzi pubbliċi (inklużi s-saħħa, l-edukazzjoni u l-ġustizzja), li kollha kemm huma jdgħajfu l-fiduċja pubblika, iżidu l-inugwaljanzi soċjali u jdgħajfu l-valuri ewlenin tal-Unjoni; billi huwa essenzjali li nifhmu aħjar il-kawżi tal-korruzzjoni sabiex inkunu nistgħu niġġieldu b'mod effettiv kontra dan il-fenomeni u l-konsegwenzi dannużi tiegħu;
- L. billi għadd dejjem akbar ta' gruppi tal-kriminalità organizzata huma attivi fl-UE, ħafna drabi fuq livell transfruntier; billi dan il-fenomeni kulma jmur qed isir aktar kumpless, filwaqt li qed jitfaċċaw swieq kriminali u *modi operandi* ġodda bħala riżultat tal-globalizzazzjoni u teknoloġiji ġodda, li jagħmluha possibbli li wieħed jopera minn kullimkien fid-dinja u fi kwalunkwe ħin;
- M. billi t-teknoloġija ġġib magħha kapaċitajiet ġodda ta' detezzjoni u monitoraġġ, filwaqt li tnaqqas il-piż minn fuq l-investigaturi u tippermetti t-tfassil ta' miżuri ta' infurzar aktar intelliġenti;
- N. billi l-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni tiddependi mit-trasparenza tal-entitajiet korporattivi u ta' entitajiet legali oħra, tat-trusts u ta' arranġamenti legali simili oħra;
- O. billi l-Kummissjoni ħadet għadd ta' miżuri biex tindirizza r-riskji relatati mal-korruzzjoni u l-użu ħażin tal-fondi fl-Unjoni, inkluż progress fil-proposti leġiżlattivi tagħha dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; il-protezzjoni tal-informaturi, l-akkwist pubbliku u l-mekkaniżmu Ewropew tal-istat tad-dritt;
- P. billi skont l-aħħar rapport ta' Transparency International u ċ-Ċentru ta' Kollaborazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO CC)²², il-Kummissjoni Ewropea mhijiex qed tirrispetta għalkollox l-impenji tagħha stess dwar it-trasparenza u l-prinċipji internazzjonali tal-"prattika tajba" dwar it-trasparenza tal-kuntratti pubbliċi meta tuża wisq oskuramenti biex tgħatti siltiet ta' test fil-kuntratti ta' Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem (APA); billi l-Kummissjoni, madankollu, hija obbligata bil-liġi li tirrispetta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, u hija meħtieġa struttura aħjar u mtejba għal reazzjoni aktar rapida mill-Kummissjoni fil-kriżijiet futuri;
- Q. billi t-trażżin tal-korruzzjoni jirrikjedi s-sjieda governattiva tar-riformi, l-appoġġ pubbliku, l-impenn politiku, il-kooperazzjoni internazzjonali, u sforz konġunt mas-soċjetà ċivili u s-settur privat;
- R. billi f'sitwazzjoni ta' aspettattivi għolja, pressjoni qawwija u volumi ta' nfiq bla preċedent, ir-responsabbiltà biex din l-isfida tintlaqa' taqa' fuq spallejn l-uffiċjali pubbliċi, li jeħtieġu appoġġ xieraq biex jittrattaw kemm iż-żieda fl-istandards professjonali kif ukoll id-diffikultajiet ġodda fit-twettiq tal-missjoni tagħhom; billi, barra minn hekk, l-uffiċjali mhux neċessarjament isiru konxji fil-pront ta' sitwazzjonijiet

²¹ [Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE: jeħtieġ li tittieħed azzjoni \(europa.eu\)](#)

²² <http://ti-health.org/wp-content/uploads/2021/05/For-Whose-Benefit-Transparency-International.pdf>

ta' kunflitt ta' interess;

- S. billi f'sitwazzjoni ta' aspettattivi għolja, pressjoni qawwija u volumi ta' nfiq bla preċedent, huwa essenzjali li l-uffiċjali pubbliċi jirrispettaw l-istandards professjonali akbar tagħhom, inkluż fir-rigward tar-riskji li jirriżultaw minn sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess;
 - T. billi hemm evidenza li l-professionalizzazzjoni u l-pagi adegwati fl-akkwist pubbliku jinfluwenzaw b'mod pożittiv lill-uffiċjali pubbliċi biex iżommu lura mill-korruzzjoni²³;
 - U. billi t-Trattat ta' Lisbona ħa d-direzzjoni tat-tisħiħ tar-rwol tal-Parlament Ewropew, biex iġib aktar koerenza, skrutinju parlamentari u obbligu ta' rendikont demokratiku;
 - V. billi l-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija essenzjali għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u għaż-żamma tal-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE;
1. Jirrikonoxxi li l-kriżijiet reċenti kkonfermaw il-ħtieġa li jkun jista' jiġi mobilizzat l-investment u li jkun hemm konċentrazzjoni fil-bidu tal-appoġġ finanzjarju sa mill-ewwel snin tal-irkupru; jinsab konxju li fi żminijiet ta' kriżi r-riżorsi jridu jsiru disponibbli f'temp ta' żmien strett u f'ċirkostanzi li jkunu qed jinbidlu malajr; jirrimarka li ammont sinifikanti ta' riżorsi addizzjonali li jridu jintefqu f'perjodu ta' żmien qasir iżid il-pressjoni fuq is-sistemi ta' kontroll; jisħaq, madankollu, li l-allokkazzjoni rapida tal-fondi u l-adozzjoni malajr ta' atti leġiżlattivi jeħtieġ li jiġu kkomplementati b'miżuri amministrattivi adegwati; jirrimarka li l-pressjoni biex tingħata l-għajnuna u l-urġenza li r-riżorsi jintużaw fl-iqsar żmien possibbli jistgħu jirriżultaw f'riskju akbar ta' korruzzjoni, frodi u irregolaritajiet oħra, u li sitwazzjoni bħal din tirrikjedi miżuri preventivi u proċessi ta' ġestjoni tal-kontroll effiċjenti; itenni li l-proċeduri kollha ta' akkwist iridu jirrispettaw l-oġhla standards ta' ftuħ, trasparenza u responsabbiltà;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu fl-istrateġiji rispettivi tagħhom ta' kontra l-korruzzjoni miżuri mmirati ddedikati għall-infiq ta' fondi pubbliċi fi żminijiet ta' kriżi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li r-regoli dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni japplikaw bl-istess mod ukoll fil-każ tal-appoġġ ta' emerġenza u l-istrumenti ta' appoġġ ta' emerġenza bħall-CRII, CRII+, REACT-EU u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF);
 3. Jiġbed l-attenzjoni għar-rwol importanti tal-miżuri preventivi fl-antiċipazzjoni u r-reazzjoni effettiva għar-riskji ta' korruzzjoni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u fit-tisħiħ tal-politiki tal-integrità u ta' kontra l-korruzzjoni, kif ukoll il-korpi li jinfurzawhom, u għalhekk fit-titjib tal-governanza ġenerali; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-kriżi tal-COVID-19 se żżid l-enfasi tagħna fuq il-governanza fis-snin li ġejjin bħala riżultat taż-żieda fl-isforzi biex jiġu miġġielda l-effetti u l-ispejjeż devastanti tal-pandemija għan-nies u għall-ekonomiji;
 4. Jemmen li l-istat tad-dritt huwa prekondizzjoni essenzjali għall-konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi ta' emerġenza bħala parti mill-baġit tal-

²³ <https://dspace.library.uu.nl/handle/1874/309580>

UE; ifakkar li l-istat tad-dritt japplika f'kull ħin, inkluż fi żminijiet ta' kriżi, u li l-miżuri ta' emerġenza jridu jiżguraw il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-prinċipju tal-proporzjonalità u dak tan-neċessità, u jridu jkunu limitati fiż-żmien u skrutinizzati regolarment għall-impatt tagħhom;

5. Jenfasizza li s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza, speċjalment kriżijiet tas-saħħa u s-sikurezza, għandhom impatt ukoll fuq il-funzjonament tal-awtoritajiet pubbliċi u joħolqu opportunitajiet biex tinkiser l-integrità, li jistgħu jwasslu għall-użu ħażin ta' fondi kif ukoll korruzzjoni fi żmien meta r-riżorsi pubbliċi diġà jinsabu taħt pressjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza r-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-UE f'sitwazzjonijiet bħal dawn sabiex tippoteġi l-fondi ta' emerġenza;
6. Itenni l-ħtieġa li tiżdied it-trasparenza ġenerali tal-ambjent ekonomiku u finanzjarju tal-Unjoni, peress li l-prevenzjoni tar-reati ekonomiċi u finanzjarji ma tistax tkun effettiva jekk il-kriminali ma jinżammux milli jfittxu kenn għall-atti tagħhom permezz ta' strutturi mhux trasparenti;
7. Jenfasizza f'dan ir-rigward li l-UE – kemm l-istituzzjonijiet tagħha kif ukoll l-Istati Membri – mhijiex f'pożizzjoni li titlef riżorsi prezzjużi fl-aħjar żminijiet, aħseb u ara matul il-pandemija u warajha;
8. Jirrikonoxxi l-isforzi kollha li għamlet il-Kummissjoni biex iżżid it-trasparenza, il-kontroll u r-riformi ta' kontra l-korruzzjoni fl-Istati Membri permezz tas-sett ta' għodod imsaħħaħ tagħha dwar l-istat tad-dritt; jesprimi t-ħassib tiegħu, madankollu, li l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi ltaqgħet ma' ċerta reżistenza f'xi Stati Membri, u dan fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jista' jiġi spjegat mil-lakuni leġislattivi jew istituzzjonali jew, f'każijiet speċifiċi ħafna, mill-fatt li jaffettwaw l-interessi personali ta' dawk li jfasslu l-liġijiet u tal-uffiċjali tal-gvern inkarigati mill-infurzar tagħhom; jinsisti li kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali li jaffettwa lil dawk li jfasslu l-liġijiet u lill-uffiċjali tal-gvern irid jiġi pprevenut u li l-Istati Membri jridu jstabbilixxu oqfsa robusti kontra l-korruzzjoni;
9. Ifakkar li jeħtieġ li jsir aktar sforz fil-kontrolli *ex ante* fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-fondi, speċjalment fil-każijiet fejn tali kontrolli u evalwazzjonijiet twettqu taħt miżuri eċċezzjonali; itenni li l-gvernijiet u awtoritajiet pubbliċi oħra jeħtieġu rappoartar effiċjenti u trasparenti, awditi *ex post* indipendenti u proċeduri ta' obbligu ta' rendikont, kif ukoll kanali miftuħa ta' komunikazzjoni mas-soċjetà ċivili u s-settur privat, biex jiżguraw li l-flus u l-miżuri qegħdin tassew jgħinu lin-nies li l-aktar għandhom bżonnhom; jindika l-importanza li waqt sitwazzjonijiet ta' kriżi l-pubbliku jingħata informazzjoni aġġornata, trasparenti u affidabbli;
10. Jenfasizza r-rwol kritiku tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-ġurnalisti investigattivi fid-denunzja tal-korruzzjoni; jiddispjaċih, għalhekk, li, matul il-pandemija tal-COVID-19, għadd ta' Stati Membri adottaw miżuri li xekklu l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u l-professjonisti tal-midja esperjenzaw diffikultajiet u ċaħdiet mhux ġustifikati, kif ukoll pressjoni u theddid rigward l-aċċess għad-dokumenti pubbliċi; jemmen li huwa importanti li ċ-ċittadini jibqgħu mgħarrfa bil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u jibqgħu involuti fiha, kif ukoll li jkunu protetti bis-sħiħ mill-konsegwenzi personali u professjonali negattivi, speċjalment fil-każijiet ta' żvelar ta' informazzjoni

protetta; itenni, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa tal-implimentazzjoni rapida tad-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni tal-informaturi;

11. Jissottolinja li l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi hija essenzjali għal rispons b'suċċess f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; ihegġegħ lill-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet komprensivi għall-ġestjoni tal-kriżijiet sabiex iħejju għal sitwazzjonijiet simili fil-futur u jinkludu salvagwardji għar-rwol tas-soċjetà ċivili bħala għassiesa pubblika; ifakkar li l-aċċess pubbliku għad-dokumenti f'format li jinqara mill-magni huwa komponent ewlieni biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-iskrutinju tal-infiq pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tipprova l-pjattaformi t-tajba għall-involvement u jfakkar fil-possibilitajiet attwali li jiġu rrapportati każijiet allegati ta' frodi lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF);
12. Jinnota li f'nofs kriżi ekonomika, tas-sigurtà jew relatata mas-saħħa, il-gvernijiet għandhom it-tendenza li jagħmlu l-proċeduri tal-ikkuntrattar aktar flessibbli sabiex jirreaġixxu fil-pront għal dik il-kriżi; jisħaq fuq il-fatt li d-Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku diġà tippermetti proċeduri ħafna aktar rapidi u ta' piż amministrattiv iżgħar u li l-gvernijiet tal-Istati Membri għandhom jiġġestixxu dawn il-proċeduri fil-qafas tar-rekwiżiti legali fis-seħħ; jenfasizza li kwalunkwe rilassament tal-proċeduri u kwalunkwe miżura ta' simplifikazzjoni, li jistgħu jkunu meħtieġa matul sitwazzjonijiet ta' kriżi biex jiġu prevenuti żbalji għaljin u irregolaritajiet mhux frodulent minħabba l-kumplessità tar-regoli, għandhom jiġu kkomplementati bi gwida speċifika u skrutinizzati mill-qrib permezz ta' mekkaniżmi *ex post*;
13. Jilqa' l-azzjoni koordinata u deċiżiva fil-livell tal-UE li tirriżulta fl-adozzjoni ta' pakkett wiesa' ta' inizjattivi, in-Next Generation EU, immirata lejn il-konsegwenzi ta' tħarbit tal-pandemija tal-COVID-19 għas-saħħa u n-negozji taċ-ċittadini madwar l-UE; jenfasizza, madankollu, li ż-żieda bla preċedent fil-finanzjament tal-UE hija suxxettibbli għal riskji akbar ta' korruzzjoni u frodi, u ġġib magħha sfidi addizzjonali f'dawk li huma monitoraġġ u responsabbiltà; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu u jimplimentaw politiki effettivi kontra l-korruzzjoni;
14. Ifakkar, bil-ħsieb li jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-effiċjenza tal-infiq tal-UE, fl-importanza tas-sistemi ta' monitoraġġ u awditjar taħt il-fondi ta' ġestjoni kondiviżi; itenni li l-Parlament għandu rwol essenzjali fl-iskrutinju tal-pakkett ta' stimolu u li l-Kummissjoni jeħtiġilha żżommu infurmat regolament dwar l-implimentazzjoni tiegħu;
15. Jinnota li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza²⁴, l-istrument ewlieni fil-qalba tan-Next Generation EU, tagħmilha possibbli li jiġu offruti lill-Istati Membri għotjiet (sa EUR 312-il biljun) u self (sa EUR 360 biljun)²⁵ għal investimenti pubbliċi u riformi mmirati lejn l-indirizzar ta' dgħufijiet strutturali u biex l-ekonomiji tal-Istati Membri jsiru aktar reżiljenti, filwaqt li jiffukaw fuq it-tranżizzjoni sostenibbli, it-trasformazzjoni diġitali, il-koeżjoni soċjali u territorjali, ir-reżiljenza istituzzjonali u l-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali;

²⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32021R0241>

²⁵ It-tnejn bi prezzijiet tal-2018.

16. Jilqa' d-delega ta' setgħat lill-Kummissjoni għall-istabbiliment, permezz ta' att delegat, ta' tabella ta' valutazzjoni għall-monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza tal-Istati Membri;
17. Ifakkar li t-tabella ta' valutazzjoni se sservi bħala bażi għad-djalogu dwar l-irkupru u r-reżiljenza u li l-Kummissjoni għandha taġġornaha darbtejn fis-sena; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tiżgura li l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri stabbiliti jiġi mmonitorjat bir-reqqa u strettament f'konformità mar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, abbażi tal-indikaturi komuni stabbiliti u l-metodoloġija ta' rappurtar; ifakkar, barra minn hekk, li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija marbuta b'kundizzjonijiet li jiggwarantixxu l-użu trasparenti tal-flus żborżati u li għandhom jipprevjenu l-korruzzjoni jew il-frodi, il-finanzjament doppju jew il-kunflitti ta' interess, u jemmen li l-kontrolli għandhom jiġu estenzi wkoll għall-ispejjeż effettivament imġarrba mill-benefiċjarji finali; jilqa' l-fatt li, bis-saħħa tal-Parlament Ewropew, l-Istati Membri issa huma obbligati jipprovdu informazzjoni dwar ir-riċevituri finali;
18. Ihegġegħ lill-UE u lill-awtoritajiet nazzjonali jqisu l-kontribut tal-awtoritajiet lokali u reġjonali meta jkunu qed jiżviluppaw u jimplementaw miżuri ta' emerġenza u ta' rkupru;
19. Jinnota li l-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-fehmiet tal-Parlament dwar il-valutazzjoni li għaddejja mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, insista fuq it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont robusti mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-sħab kollha inkarigati mill-implimentazzjoni fil-proċess ta' implimentazzjoni;
20. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja bir-reqqa r-riskji potenzjali għall-interessi finanzjarji tal-UE u ma tipproċedi bl-ebda pagament jekk l-oġettivi intermedji marbuta mal-miżuri għall-prevenzjoni, il-kxif u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni u l-frodi ma jintlaħqux; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni biex b'mod immedjat tinforma lill-awtoritajiet baġitarji dwar is-sitwazzjonijiet kollha fejn il-fondi ma tħallsux minħabba allegazzjonijiet ta' użu ħażin, korruzzjoni, frodi jew ksur tal-istat tad-dritt, u fejn l-Istati Membri m'għandhomx biżżejjed sistemi fis-seħħ kontra l-frodi;
21. Jemmen li għandha tiġi segwita ġestjoni finanzjarja soda u li l-assorbiment, filwaqt li jibqa' oġettiv importanti, m'għandux jingħata prijorità fuq il-prestazzjoni, il-kunsiderazzjonijiet ta' valur għall-flus u l-valur miżjud tal-UE tal-programmi, u li, f'każ ta' irregolaritajiet, l-irkupri għandhom jiġu żgurati permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji;
22. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-korruzzjoni fil-fażijiet kollha tat-tfassil u tal-eżekuzzjoni tal-programmi, fl-oqsma tal-istimoli u tas-sussidji ekonomiċi; jinnota li s-sitwazzjonijiet ta' riskju għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv, bl-użu ta' approċċ tal-gvern sħiħ fejn possibbli;
23. Huwa tal-fehma li aktar trasparenza, flimkien mat-teknoloġija u x-xjenza tad-data, hija strumentali fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-korruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jagħmlu użu sħiħ mill-għodod disponibbli, bħas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES), l-Arachne u s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS) biex jiġu identifikati b'mod effettiv u effiċjenti l-operaturi

ekonomiċi problematiċi u l-individwi privati (jew persuni fiżiċi) marbuta magħhom kemm f'għestjoni diretta kif ukoll f'għestjoni indiretta;

24. Jenfasizza l-benefiċċji miżjuda li l-qsim tal-informazzjoni jista' jgħib għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li dan isir permezz ta' sistema diġitali, interoperabbli u standardizzata għall-għbir tad-data, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni kemm bejniethom kif ukoll mal-korpi rilevanti tal-UE (b'mod partikolari l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), l-OLAF, l-UPPE u l-Europol) biex jikkooperaw aktar mill-qrib, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, bil-ħsieb li jittejjeb il-għbir tad-data, tissaħħaħ l-effikaċja tal-kontrolli u jiġi żgurat l-irkupru tal-fondi użati ħażin;
25. Jenfasizza li huwa vitali li jkun magħruf min qed jibbenefika mill-fondi tal-UE sabiex jiġu evitati l-korruzzjoni, l-infiq irregolari u l-użu ħażin tal-fondi; jiddispijaċih li bħalissa, id-data għall-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi u s-sidien benefiċjarji tagħhom jew mhix faċli biex taċċessaha jew mhi aċċessibbli xejn²⁶; jemmen li l-istabiliment ta' bażi tad-data interoperabbli unika li turi l-benefiċjarji diretti u finali tas-sussidji tal-UE jirrappreżenta pass importanti lejn ir-rimedjar ta' din is-sitwazzjoni;
26. Jenfasizza li l-benefiċjarji jeħtiġilhom ikunu identifikabbli fl-Istati Membri kollha u indipendenti mill-fondi, inklużi dawk kemm taħt għestjoni diretta u dik kondiviżja; jissottolinja li l-bażi tad-data għandha tkun limitata għall-informazzjoni meħtieġa u li l-informazzjoni tista' tiġi ppubblikata skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE); iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni sabiex tinholq tali bażi ta' data unika u ċentralizzata biex jiġu ttraċċati l-flussi tal-flus tal-UE;
27. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-EDES u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jissaħħu fil-kuntest tar-reviżjoni mmirata li ġejja tar-Regolament Finanzjarju; jistieden lill-Kummissjoni testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-EDES għall-fondi taħt għestjoni kondiviżja, b'rispett dovut għall-prinċipji tal-proporzjonalità u l-adegwatezza;
28. Jiddispijaċih għall-fatt li l-OLAF u l-QEA ma għandhomx aċċess sħiħ għall-Għodda ta' Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne u huma obbligati jitolbu aċċess għall-kalkolu tar-riskju tal-Arachne fuq bażi ta' kull każ għalih, li jikkomplica l-proċess ta' skambju ta' informazzjoni, u b'hekk ixekkel is-sejbien ta' xejriet ta' riskju emerġenti u r-reazzjoni għalihom; iqis li huwa neċessarju li tinstab soluzzjoni biex l-OLAF u l-QEA jingħataw aċċess għall-Għodda ta' Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne; huwa tal-fehma li l-integrazzjoni tal-Arachne fis-sistemi nazzjonali ta' għestjoni u kontroll għandha tkun obbligatorja għall-awtoritajiet maniġerjali kollha;
29. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa r-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 minn diversi aspetti, inkluż fir-rigward ta' miżuri preventivi kontra l-korruzzjoni, analiżi tal-evidenza empirika u r-rata ta' assorbiment ta' talbiet għal pagament, teżamina jekk il-korruzzjoni affettwatx l-eżitu u jekk l-integrità ġietx sostnuta jew imminata, u tirrapporta lura lill-Parlament dwar is-sejbiet ewlenin biex ikun jista' (bħala l-awtorità

²⁶ Studju – "The Largest 50 Beneficiaries in each EU Member State of CAP and Cohesion Funds" (L-Akbar 50 Benefiċjarju tal-PAK u tal-Fondi ta' Koeżjoni f'kull Stat Membru tal-UE), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku għall-Affarijiet Baġitarji, Mejju 2021.

ta' kwittanza) jinkludi kapitolu ddedikat dwar il-fondi ta' emerġenza u l-infiq relatat mal-kriżijiet fil-kwittanza 2020;

30. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni tagħmel użu estensiv mill-għodda ta' oskurament biex tgħatti partijiet mill-kuntratti tal-APA; jinsisti, minkejja s-sensittività tal-informazzjoni, li tali dettalji huma importanti fit-titjib tal-obbligu ta' rendikont u tar-rispons globali għall-virus; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza aħjar l-aspetti tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont b'reazzjoni għall-kriżijiet futuri, u b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja pubblika, tħeġġeġ id-dibattitu pubbliku u tippromwovi l-valuri tal-UE; jinnota li l-Kummissjoni tapplika l-Artikolu 38(3)(d) tar-Regolament Finanzjarju, b'referenza għall-każ fejn id-divulgazzjoni ta' data tirriskja li tagħmel ħsara lill-interessi kummerċjali tar-riċevituri, u jappella għall-proporzjonalità tal-iskrutinju effettiv u l-obbligu ta' rendikont sħiħ tal-użu tar-riżorsi mal-interess pubbliku;
31. Jemmen li kieku d-data rilevanti dwar l-akkwist pubbliku kellha ssir disponibbli għall-pubbliku biex tiġi analizzata, aċċessibbli mingħajr ħlas u b'mod faċli, f'format miftuħ u standardizzat, flimkien ma' data dwar il-kundanni tal-qorti u dwar ir-reġistri tal-kumpaniji, dan jista' jrawwem b'mod sinifikanti l-prevenzjoni u s-sejbien ta' każijiet potenzjali ta' korruzzjoni; huwa tal-fehma, għalhekk, li l-informazzjoni rilevanti dwar il-kuntratti kollha tal-akkwist pubbliku (li jużaw fondi pubbliċi) għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, ippubblikati fuq sit web iddedikat u b'ammont minimu ta' oskurament, b'konformità sħiħa mal-protezzjoni tad-data u rekwiżiti legali oħra;
32. Jinnota li, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/369 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni, id-deċiżjoni li jiġi attivat l-ESI għandha tittieħed mill-Kunsill abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni; jikkritika, madankollu, il-fatt li, minkejja r-rabtiet b'saħħithom tiegħu mal-baġit tal-UE, l-attivazzjoni tal-ESI saret mingħajr ir-rispett u l-osservazzjoni sħaħ tal-prerogattivi tal-Parlament bħala awtorità baġitarja u superviżur finali tal-baġit tal-UE;
33. Jiddispjaċih għall-fatt li, minkejja diversi tentattivi biex tinkiseb ħarsa ġenerali ċara, il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit ma jingħatawx aċċess għal data rilevanti dwar il-fondi tal-UE minfuqa fl-ambitu tal-ESI biex jiġu ffinanzjati kuntratti ta' APA, li ammontaw għal madwar EUR 2,5 biljun għal sitt kuntratti APA;
34. Jirrikonoxxi li l-Ftehim ta' Akkwist Kongunt²⁷ jippermetti lill-Istati Membri u lill-EEA u pajjiżi oħra jinneozjaw b'mod konġunt termini aħjar għall-forniment ta' tagħmir mediku; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta, bil-ħsieb li tistabbilixxi Prattiki tajbin għall-kriżijiet futuri, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-Ftehim ta' Akkwist Konġunt u l-ħażna tar-resceEU ta' tagħmir mediku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tistabbilixxi qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE solidu u trasparenti, meta jkunu involuti b'mod sħiħ jew parzjali fondi mill-baġit tal-UE, li jippermetti skrutinju komprensiv mill-Parlament, speċjalment fir-rigward ta' oqsma ta' nfiq ewlenin relatati ma' kriżi ekonomika, tas-sigurtà jew tas-saħħa;
35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi rieżami tar-Regolament Finanzjarju biex tinkludi bażi ġuridika solida għall-użu obligatorju ta' data miftuħa u standardizzata dwar l-

²⁷ https://ec.europa.eu/health/security/preparedness_response_mt

akkwist pubbliku, u biex is-sistemi tal-IT tal-kontroll baġitarju jsiru obbligatorji, pubbliċi u interoperabbli mal-bażijiet ta' data nazzjonali;

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jiġu adottati Strateġiji Nazzjonali kontra l-Frodi (NAFS) robusti, li joffru l-benefiċċju tal-koordinazzjoni tal-azzjonijiet ta' diversi entitajiet u l-garanzija tal-ottimizzazzjoni tar-riżorsi u l-kopertura tal-oqsma kollha ta' interess (infiq b'ġestjoni indiretta u kondiviża, fondi nazzjonali, eċċ.); jinnota li sa tmiem l-2020, 14-il Stat Membru kienu adottaw NAFS u 5 kienu varaw proċeduri biex jagħmlu dan; jinnota li dan jirrappreżenta progress meta mqabbel mal-2019 iżda jiddispijaċih għall-fatt li mhux l-Istati Membri kollha għadhom adottaw NAFS jew beħsiebhom jagħmlu dan; jinsab imħasseb li l-istrateġiji eżistenti jvarjaw fl-ambitu u l-profondità u jeħtieġ li jiġu aġġornati f'dan ir-rigward;
37. Ihegġegħ lill-Istati Membri jarmonizzaw u jallinjaw l-istandards tagħhom u jistieden lill-Kummissjoni tibda proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri li jirrifjutaw li jagħmlu dan; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex itejbu l-istrateġiji tagħhom biex jiżguraw l-eżistenza ta' NAFS robusti fl-Unjoni kollha;
38. Iqis li huwa importanti li l-Kummissjoni tivvaluta mhux biss l-eżistenza iżda wkoll l-effikaċja tal-NAFS fir-rapport tagħha li jmiss dwar l-istat tad-dritt; huwa tal-opinjoni, barra minn hekk, li r-rapporti futuri dwar l-istat tad-dritt għandhom jibnu fuq prattiki tajba u jipprovdu rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar kif għandu jiġi indirizzat it-tħassib identifikat jew irrimedjat il-ksur, inklużi l-iskadenzi għall-implimentazzjoni, fejn xieraq, u l-punti ta' riferiment li għandhom jiġu segwiti; iqis li l-miżuri adottati b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 u li għandhom impatt fuq l-istat tad-dritt għandhom jiġu eżaminati wkoll;
39. Ifakkar li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni hija tal-akbar importanza u li huma meħtieġa sforzi kontinwi u b'saħħithom f'dan ir-rigward fil-livelli kollha;
40. Jinsisti fuq il-ħtieġa ta' ħidma kollaborattiva bejn l-UPPE u korpi oħra tal-UE bħall-Eurojust, il-Europol u l-OLAF biex iwettqu investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali fi ħdan il-mandat/qasam ta' responsabbiltà rispettiv; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-istituzzjonijiet u l-korpi msemmija hawn fuq waqt sitwazzjonijiet ta' emerġenza u kriżijiet fil-ġlieda kontra dawk li jieħdu vantaġġ mill-fondi tal-UE, u jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, l-arranġamenti ta' ħidma ffirmati bejniethom; jenfasizza li kollaborazzjoni effiċjenti hija possibbli biss meta l-korpi tal-UE jkollhom appoġġ politiku u jkunu mgħammra b'riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti;
41. Jikkritika l-fatt li l-Kummissjoni injorat it-talba tal-Parlament biex tespandi l-pjan ta' allokkazzjoni tal-persunal tal-UPPE u li ma implimentatx il-ftehim ta' konċiljazzjoni tal-2020; itenni l-ħtieġa ta' aktar riżorsi u persunal kemm għall-UPPE kif ukoll għall-OLAF sabiex tiġi ffaċilitata l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-frodi, l-infiq irregolari u l-użu ħażin tal-fondi;
42. Iwissi li gruppi tal-kriminalità organizzata joperaw mingħajr frontieri u li, kulma jmur, qed jakkwistaw dejjem iktar assi fi Stati Membri li mhumiex ibbażati fihom u f'pajjiżi terzi;

43. Jappella għal aktar kooperazzjoni internazzjonali effettiva dwar it-teħid ta' evidenza, ir-rikonoxximent reċiproku, in-notifika ta' dokumenti, u l-konfiska u l-iffriżar tal-assi, bil-għan li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw il-mezzi biex jittraċċaw, jiffriżaw, jiġġestixxu u jikkonfiskaw ir-rikavati tal-kriminalità; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tappoġġja u tippromwovi l-armonizzazzjoni madwar l-Unjoni tad-definizzjonijiet ta' reati ta' korruzzjoni u tagħmel użu aħjar tas-settijiet ta' data u l-metodoloġija eżistenti sabiex jiġu żviluppati oħrajn ġodda bil-għan li tinkiseb data komparattiva minn madwar l-UE dwar it-trattament tal-każijiet ta' korruzzjoni;
44. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni akbar bejn ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali u l-OLAF sabiex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet imwettqa b'rabta mal-frodi għad-detriment tal-baġit tal-UE jiġu kkunsidrati kif xieraq;
45. Jissottolinja li l-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (GRECO) għamel rakkomandazzjonijiet komprensivi lill-Istati Membri fir-rigward tal-użu tal-flus pubbliċi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' emerġenza; jistieden lill-Istati Membri kollha jimplimentaw bis-sħiħ dawn ir-rakkomandazzjonijiet, u b'hekk itejbu t-trasparenza u r-responsabbiltà; jilqa', f'dan ir-rigward, il-possibbiltà li l-UE tissieħeb mal-GRECO bħala membru sħiħ;
46. Jilqa' l-pakkett ta' proposti leġiżlattivi mressqa mill-Kummissjoni biex issaħħaħ ir-regoli tal-UE kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu; jitlob l-implimentazzjoni effiċjenti u konsistenti tal-qafas futur, li jantiċipa sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn l-istabbiltà u s-sigurtà fl-UE jistgħu jiġu kompromessi;
47. Josserva bi tħassib il-konklużjoni tal-Europol li l-kriminali huma nattivni diġitali, li jfisser li prattikament l-attivitajiet kriminali kollha issa fihom xi komponent online u li ħafna reati emigraw kompletament online; jinsab imħasseb li t-teknoloġiji l-ġodda jippermettu wkoll li r-reati tradizzjonali jkomplu jitwettqu b'mod mhux tradizzjonali, minn kwalunkwe post fid-dinja u fi kwalunkwe ħin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu investiment deċiżiv u impenn politiku b'saħħtu biex jilqgħu għal dawn l-isfidi ġodda;
48. Huwa tal-fehma li l-avvanzi fil-qasam tal-IA jippreżentaw opportunità mill-akbar biex is-settur pubbliku jikxef u jipprevjeni l-frodi, pereżempju billi tissaħħaħ il-kapaċità analitika ċentrali tal-Kummissjoni, peress li l-għodod tal-IT jistgħu faċilment jisiltu, jorbtu u janalizzaw id-data meħtieġa u jsibu irregolaritajiet, frodi u korruzzjoni potenzjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri japplikaw sistema integrata u interoperabbli unika ta' informazzjoni u monitoraġġ, inkluż għodda unika ta' estrazzjoni tad-data u ta' klassifikazzjoni tar-riskju biex tikseb aċċess għad-data rilevanti u tanalizzaha u żżid l-affidabbiltà tal-kontroll, bil-ħsieb ta' applikazzjoni ġeneralizzata, inkluż bl-għajnuna tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku;
49. Jinnota li l-ġbir ta' data dwar dawk li fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw, direttament jew indirettament, minn finanzjament tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża u għal proġetti u riformi appoġġjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluża data dwar is-sidien benefiċjarji tar-riċevituri tal-finanzjament, huwa meħtieġ biex jiġu żgurati kontrolli u awditi effettivi, u li r-regoli relatati mal-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data għandhom jikkonformaw mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data;

50. Jenfasizza l-benefiċċji li r-reġistri diġitali tal-artijiet iġibu għat-trasparenza tas-sjieda u għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex timplimenta tali programmi madwar l-UE; jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali jikkollaboraw mal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni estensiva ta' dawn il-programmi;
51. Huwa tal-fehma li sistema ċentralizzata ta' informazzjoni u monitoraġġ għandha tinkludi rekwiżiti ta' akkwist b'data għal kull pajjiż disponibbli pubblikament fl-UE kollha, għall-kuntratturi u l-awtoritajiet kontraenti biex jirrapportaw b'mod sistematiku data speċifika tal-proġetti, il-progress fil-kisba ta' stadji importanti u s-sidien benefiċjarji diretti u aħħarin (f'format standardizzat); jemmen li għandha tinħoloq tali sistema sabiex tiffaċilita l-ġbir tad-data, l-interoperabbiltà u t-trattament fil-livell tal-UE, u biex tiżgura kontrolli u awditi effettivi; jissottolinja li s-sistema għandha tkun limitata għall-informazzjoni meħtieġa u li għandu jkun possibbli li tiġi ppubblikata informazzjoni skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-QĠUE; jirimarka, madankollu, li jista' jiġi introdott livell intermedju fil-livell nazzjonali (jiġifieri punt ta' ġbir deċentralizzat) sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tal-ġbir tad-data, filwaqt li jitqiesu d-differenzi lingwistiċi u l-karatteristiċi lokali (bħar-responsabbiltajiet reġjonali);
52. Jissuġġerixxi l-użu ta' sistemi ta' żvelar finanzjarju/dikjarazzjoni tal-assi għall-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni u/jew il-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni bil-għan li jiġu promossi r-responsabbiltà u s-sensibilizzazzjoni fost l-uffiċjali pubbliċi, biex b'hekk jiġu evitati l-kunflitti ta' interess;
53. Jemmen li l-pjattaformi tad-data jistgħu jsaħħu l-mekkaniżmi ta' sorveljanza u jtejbu l-kondiviżjoni effettiva tal-informazzjoni ma' dipartimenti oħra tal-gvern;
54. Jemmen fil-benefiċċji tal-professjonalizzazzjoni u tal-pagi adegwati fl-akkwist pubbliku, jiġifieri li l-fatt li jkun hemm persunal tal-akkwist pubbliku speċjalizzat, imħarreġ sew u mħallas tajjeb li jikkondividi l-għarfien, l-għarfien espert u l-intelligence (tas-suq) tiegħu, inkluż lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri, huwa Prattika pożittiva li għandha tiġi implimentata flimkien ma' tekniki oħra ta' prevenzjoni tal-korruzzjoni;
55. Ihegġegħ lill-Istati Membri jagħmlu użu tajjeb mill-fondi u l-programmi tal-UE; jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali jikkollaboraw mal-OLAF għat-taħriġ tal-persunal fir-rigward tat-tipi differenti ta' frodi, xejriet, theddid u riskji, korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE;
56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

12.10.2021

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni biex jiġu evitati l-korruzzjoni, l-infiq irregolari u l-użu ħażin tal-fondi tal-UE u nazzjonali f'każ ta' fondi ta' emerġenza u oqsma ta' nfiq relatati mal-kriżi (2020/2222(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi li l-miżuri ta' kriżi jista' jkollhom impatt dirett fuq il-bilanċ bejn is-setgħat differenti tal-istat u jirrikonoxxi li l-gvernijiet u l-awtoritajiet lokali jistgħu jiġu mgħieghla jadottaw miżuri ta' emerġenza b'inqas konsultazzjoni pubblika milli ġeneralment ikun mistenni sabiex kriżijiet ekonomiċi u soċjali gravi jiġu prevenuti milli jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt; jemmen li dawk il-miżuri għandhom dejjem ikunu limitati fiż-żmien, proporzjonati, meħtieġa u m'għandhom qatt jintużaw bħala pretest biex il-bilanċ tas-setgħat jinbidel b'mod aktar permanenti; ifakkar li għandha tingħata importanza kbira liż-żamma ta' sistema effettiva ta' kontrolli u bilanċi u lir-rispett tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet fundamentali u tar-responsabbiltà demokratika għall-azzjonijiet kollha meħuda b'reazzjoni għal emerġenza;
2. Ifakkar li, irrispettivament mill-metodu ta' implimentazzjoni, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw dawn il-prinċipji kull meta jimplementaw il-baġit tal-Unjoni; iqis li l-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tal-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess huma prekondizzjonijiet għall-konformità mal-ġestjoni finanzjarja tajba kif minqux fl-Artikolu 317 tat-TFUE; ifakkar ukoll li l-istrateġiji kontra l-korruzzjoni, l-infiq irregolari u l-użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni għandhom ikunu komprensivi u trasparenti;
3. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi biex tiġi monitorata l-implimentazzjoni tal-finanzjament ta' emerġenza ħalli jiġi żgurat li l-finanzjament ta' emerġenza kollu jilħaq lill-benefiċjarji intenzjonati tiegħu u jkun f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tat-trasparenza, id-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u obbligi legali

oħra, b'mod partikolari l-ġestjoni finanzjarja tajba; jemmen, għalhekk, li l-finanzjament pubbliku għandu dejjem ikun traċċabbli biex jissodisfa r-rekwiżiti f'dawk li huma responsabbiltà, trasparenza u monitoraġġ tal-finanzjament; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ċertu livell ta' reżistenza f'xi Stati Membri rigward miżuri kontra l-korruzzjoni u riformi ta' trasparenza, li jista' jiġi spjegat sa ċertu punt mill-interessi personali ta' xi leġislaturi u uffiċjali tal-gvern; jistieden lill-Istati Membri u lill-korpi rilevanti tal-Unjoni, fl-ambitu tal-kompetenzi tagħhom, iwettqu investigazzjonijiet indipendenti dwar rapporti ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-finanzjament u jistenna li l-Kummissjoni tagħmel użu mis-setgħat tagħha biex tissospendi jew tirkupra l-finanzjament tal-Unjoni f'każijiet fejn ikun ġie stabbilit nuqqas ta' konformità;

4. Jissottolinja li r-reazzjoni ta' emerġenza għall-kriżi attwali tal-COVID-19 ħolqot ambjent favorevoli għal żieda fl-attivitajiet kriminali u, b'mod speċifiku, għall-korruzzjoni, kif ġie kkonfermat b'każijiet prominenti ta' livell għoli f'ċerti Stati Membri; iqis, għalhekk, li r-reazzjonijiet għal din il-kriżi minn organizzazzjonijiet internazzjonali, Stati u entitajiet privati għandhom jinkludu wkoll mekkaniżmi għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-korruzzjoni; Jemmen li r-reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 trid tirrispetta mal-ogħla standards tal-ftuħ, it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-infurzar tal-liġi, bħala komponenti essenzjali tal-governanza demokratika bbażata fuq l-istat tad-dritt;
5. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jirrieżaminaw bir-reqqa l-politiki li huma ppromulgaw matul il-kriżi tal-COVID-19 u jsaħħu l-mekkaniżmi u l-protokollu eżistenti u jiddefinixxu oħrajn ġodda għal kwalunkwe nfiq futur f'każ ta' emerġenza, sabiex iżidu l-livell ta' trasparenza tal-infiq pubbliku, b'konċentrazzjoni partikolari fuq miżuri ta' prevenzjoni; jinnota li l-Kummissjoni tista' teżerċita kontroll ex ante u ex post fuq il-fondi tal-UE; jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, minħabba r-riluttanza tal-Kummissjoni li tuża l-mezzi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, b'mod partikolari l-miżuri previsti fir-regolament dwar il-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021;
6. Jissottolinja wkoll il-ħtieġa li ssir verifika *ex ante* tal-leġislazzjoni u l-prattiki kontra l-korruzzjoni fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi objettivi intermedji kontra l-korruzzjoni fil-proposti tagħha għal deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza f'każijiet fejn jeżisti riskju ta' użu ħażin tal-fondi; jisħaq fuq il-fatt li d-Direttiva 2014/24/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Akkwist Pubbliku¹ ("Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku") diġà tippermetti proċeduri rapidi u ta' piż amministrattiv iżgħar u li l-gvernijiet tal-Istati Membri m'għandhomx jimmaniġġjaw dawn il-proċeduri barra mir-rekwiżiti tal-liġi;
7. Jirrimarka li l-korruzzjoni, b'mod ġenerali, iddgħajjed il-funzjonament tal-Istat u tal-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha u hija waħda mill-faċilitaturi ewlenin tal-kriminalità organizzata, u dan hu iktar u iktar minnu fi żmienijiet ta' kriżi; jenfasizza li istituzzjonijiet indipendenti, bħal ġudikatura u prosekuturi indipendenti, oqfsa effikaċi kontra l-korruzzjoni flimkien mat-trasparenza u l-integrità fl-eżerċizzju tas-setgħa tal-Istat jistgħu jsaħħu s-sistemi legali u l-fiduċja fl-awtoritajiet pubbliċi u l-proċessi

¹ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

demokratiċi; jistieden lill-Istati Membri kollha jiżviluppaw jew jaġġornaw l-istrategġji nazzjonali tagħhom kontra l-korruzzjoni b'taqsimiet iddedikati dwar l-infiq pubbliku fi żminijiet ta' kriżi u jwettqu evalwazzjoni komprensiva tal-ħtiġijiet ta' tagħmir u ta' riżorsi umani tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, filwaqt li jqisu l-evoluzzjoni rapida u d-diversifikazzjoni tal-infiq pubbliku irregolari u illegali, u jipprovduhom ir-riżorsi meħtieġa, inklużi l-għodod tal-IT, biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni; jemmen li diversi forum ta' korruzzjoni transnazzjonali jaffettwaw mhux biss l-integrità tal-ekonomiji nazzjonali, iżda jaffettwaw ukoll l-ekonomija fuq skala Ewropea u internazzjonali, u għalhekk itenni l-ħtieġa li tiżdied it-trasparenza ġenerali tal-ambjent ekonomiku u finanzjarju tal-Unjoni;

8. Jenfasizza li l-ġestjoni inkorretta ta' fondi publiċi u r-reazzjonijiet ineffettivi għal kriżi jistgħu jintensifikaw in-nuqqas ta' fiduċja fil-gvern li qed dejjem tikber; jemmen li l-pubbliku għandu d-dritt li jkun infurmat u li jingħata informazzjoni u data aġġornati, trasparenti u affidabbli waqt il-kriżijiet; jiddispaċi li matul il-pandemija tal-COVID-19, diversi Stati Membri adottaw miżuri li ostakolaw l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, b'mod partikolari għall-professjonisti tal-media; ifakkar fir-rwol tal-istampa ħielsa bħala komponent ewlieni ta' demokrazija funzjonali u jenfasizza l-importanza tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew sabiex il-media ħielsa tiġi ppreservata u msaħħa; jemmen li d-disponibbiltà pubblika tad-data mhux kunfidenzjali rilevanti dwar l-akkwist pubbliku u l-kundanni f'format li jinqara mill-magni tista' trawwem b'mod sinifikanti l-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' każijiet potenzjali ta' korruzzjoni; iqis, għalhekk, li l-kuntratti kollha ta' akkwist pubbliku li jagħtu finanzjament pubbliku għandhom jiġu ppubblikati b'redazzjoni minima fuq sit web apposta u aċċessibbli għall-pubbliku f'format miftuħ u standardizzat biex tkun tista' ssir analiżi u b'hekk jiġu żgurati t-trasparenza u l-iskrutinju tal-infiq pubbliku;
9. Jinnota li ħafna gvernijiet ibbenefikaw minn assistenza ta' emerġenza u żieda ta' fondi mill-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) għas-sorveljanza tal-fruntieri; jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fil-konfront tal-Parlament; jikkundanna b'mod partikolari l-fatt li l-gvern Kroat irrifjuta li jipprovi lill-Parlament dokumenti ewlenin dwar il-finanzjament addizzjonali mogħti lill-Kroazja għas-sorveljanza tal-fruntieri; jenfasizza li dan ir-rifjut jimpedixxi lill-Parlament milli jwettaq r-rwol tiegħu ta' skrutinju;
10. Jilqa' r-rwol kritiku tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jenfasizza li s-suċċess ta' kwalunkwe rispons ta' emerġenza jiddependi bil-kbir mill-parteċipazzjoni attiva tal-atturi kollha fis-soċjetà; jemmen li l-kriżi attwali tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher l-importanza li tinżamm sistema robusta ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess pubbliku tat-teħid tad-deċiżjonijiet; jieħu nota tal-importanza partikolari tal-protezzjoni tal-informaturi li jirrapportaw każijiet ta' suspett ta' korruzzjoni; jinsab imħasseb bir-rapporti reċenti min-Network Internazzjonali tal-Iżvelar ta' Informazzjoni Protetta (Whistleblowing International Network - WIN) u minn Transparency International li 14-il Stat Membru jew għadhom ma bdewx jew għamlu progress minimu fl-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar l-Iżvelar ta' Informazzjoni Protetta, fid-dawl tal-iskadenza tat-traspożizzjoni tagħha tas-17 ta' Diċembru 2021; jiddispaċi li, matul il-kriżi tal-COVID-19, għadd ta' Stati Membri adottaw leġislazzjoni ta' emerġenza li timponi miżuri restrittivi fuq l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili; ihegġegħ lill-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet komprensivi għall-

ġestjoni tal-kriżijiet sabiex iħejju ruħhom għal sitwazzjonijiet simili fil-ġejjieni u jinkludu salvagwardji għar-rwol tas-soċjeta' ċivili;

11. Jissottolinja r-rwol essenzjali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fil-qafas tal-UE għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-Istati Membri mhux parteċipanti li fadal biex jikkollaboraw u eventwalment jaderixxu mal-UPPE; jenfasizza li l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw minn għarfien espert siewi billi jikkollaboraw b'mod attiv mal-UPPE; ifakkar fil-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi umani u baġitarji xierqa għall-funzjonament tajjeb tal-UPPE;
12. Jirrikonoxxi r-rwol attwali tal-intelliġenza artifiċjali u tal-big data u l-potenzjal futur tagħhom fil-għieda kontra l-korruzzjoni u l-użu ħażin ta' fondi pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-għodod disponibbli, bħas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES), Arachne u s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS), biex jiġu identifikati b'mod effettiv u effiċjenti operaturi ekonomiċi problematiċi u l-persuni fiżiċi marbuta magħhom kemm f'ġestjoni diretta kif ukoll f'ġestjoni indiretta; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni kemm bejniethom kif ukoll mal-Kummissjoni u jikkooperaw aktar mill-qrib bl-għan li jittejjeb il-għbir tad-data u tissaħħaħ l-effettività tal-kontrolli; jesprimi dispaċir għall-fatt li l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) m'għandux aċċess sħiħ għall-Għodda ta' Klassifikazzjoni tar-Riskju Arachne; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li trendi l-użu ta' Arachne mandatarju għall-finanzjament tal-UE; jirrimarka li l-informazzjoni u d-data kollha disponibbli għall-pubbliku għandhom ikunu faċilment aċċessibbli; jirrimarka li l-informazzjoni u d-data jridu jiġu pproċessati b'mod konformi man-normi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data u d-dritt għall-privatezza tal-individwi; jenfasizza li l-awtoritajiet tal-infurzar għandu jkollhom vantaġġ fuq il-kriminali li kulma jmur qed jużaw dejjem aktar teknoloġiji ġodda u jaħtflu kull opportunità biex jespandu l-attivitajiet illegali tagħhom, kemm online u kemm offline;
13. Ifakkar li l-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) ħareġ diversi rakkomandazzjonijiet dwar l-użu ta' fondi pubbliċi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u jinnota li fil-21 rapport ta' attività ġenerali tiegħu, il-GRECO jiddikjara li l-gvernijiet għandhom jimmaniġġjaw b'mod rigoruż ir-riskji ta' korruzzjoni li tfaċċaw minħabba l-ħtieġa li jittieħdu miżuri straordinari biex tiġi miġġielda l-pandemija tal-COVID-19; jistieden lill-Istati Membri jseguw r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-GRECO, kif ukoll il-linji gwida tiegħu, u jilqa' l-possibbiltà li l-UE tissieħeb mal-GRECO bħala membru sħiħ.
14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirrevedu u, fejn xieraq, isaħħu l-korpi nazzjonali u dawk tal-Unjoni, il-proċeduri u l-prattiki legali kontra forom varji ta' korruzzjoni; jinsisti fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-korpi kompetenti tal-Unjoni, jiġifieri l-UPPE, il-Eurojust, il-Europol u l-OLAF, fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, meta jkun qad iwettqu investigazzjonijiet kriminali u prosekuzzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni; Ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-importanza ta' flussi ta' informazzjoni effettivi u ta' komunikazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti differenti u bejn il-korpi tal-Unjoni; jappella għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha, l-organizzazzjonijiet intergovernattivi, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti, u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-

għieda kontra l-korruzzjoni.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	12.10.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 49 -: 9 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Katarina Barley, Fernando Barrena Arza, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Caterina Chinnici, Clare Daly, Marcel de Graaff, Anna Júlia Donáth, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Andrzej Halicki, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Fabienne Keller, Peter Kofod, Moritz Körner, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Sara Skytvedal, Martin Sonneborn, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jadwiga Wiśniewska, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Olivier Chastel, Tanja Fajon, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, Anne-Sophie Pelletier, Thijs Reuten, Rob Rooken, Maria Walsh

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

49	+
ID	Peter Kofod
NI	Laura Ferrara, Martin Sonneborn
PPE	Magdalena Adamowicz, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareș Bogdan, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Nadine Morano, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Sara Skyttedal, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos
Renew	Olivier Chastel, Anna Júlia Donáth, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka, Ramona Strugariu
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Caterina Chinnici, Tanja Fajon, Maria Grapini, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Bettina Vollath
The Left	Pernando Barrena Arza, Cornelia Ernst, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

9	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Nicola Procaccini, Rob Rooker, Jadwiga Wiśniewska
ID	Nicolas Bay, Marcel de Graaff, Philippe Olivier
NI	Milan Uhrík

4	0
ID	Nicolaus Fest, Annalisa Tardino, Tom Vandendriessche
The Left	Clare Daly

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	26.10.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Matteo Adinolfi, Olivier Chastel, Caterina Chinnici, Lefteris Christoforou, Corina Crețu, Ryszard Czarnecki, Martina Dlabajová, José Manuel Fernandes, Luke Ming Flanagan, Daniel Freund, Isabel García Muñoz, Monika Hohlmeier, Jean-François Jalkh, Pierre Karleskind, Joachim Kuhs, Ryszard Antoni Legutko, Younous Omarjee, Tsvetelina Penkova, Markus Pieper, Sabrina Pignedoli, Michèle Rivasi, Petri Sarvamaa, Vincenzo Sofo, Michal Wiezik, Angelika Winzig, Lara Wolters, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Grapini, Ramona Strugariu, Viola Von Cramon-Taubadel

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

27	+
ECR	Ryszard Czarnecki, Ryszard Antoni Legutko, Vincenzo Sofo
NI	Sabrina Pignedoli
PPE	Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Monika Hohlmeier, Markus Pieper, Petri Sarvamaa, Michal Wiezik, Angelika Winzig, Tomáš Zdechovský
Renew	Olivier Chastel, Martina Dlabajová, Pierre Karleskind, Ramona Strugariu
S&D	Caterina Chinnici, Corina Crețu, Isabel García Muñoz, Maria Grapini, Tsvetelina Penkova, Lara Wolters
The Left	Luke Ming Flanagan, Younous Omarjee
Verts/ALE	Daniel Freund, Michèle Rivasi, Viola Von Cramon-Taubadel

1	-
ID	Jean-François Jalkh

2	0
ID	Matteo Adinolfi, Joachim Kuhs

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni